

# 100 sena

## mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja 1917 – 2017

minn Pawlu Dimech



Il-binja tal-knisja bil-konsagrazzjoni tagħha tiġi mogħtija kollha kemm hi għall-qima u s-servizz ta' Alla b'talb, ċerimonji liturġiċi u tberik. Dan għaliex il-bini jsir post qaddis li huwa d-Dar t'Alla fejn il-komunità parrokkjali tiltaqa' flimkien biex tiċċelebra l-misteri qaddisa. Il-konsagrazzjoni tal-knejjes kien bdieha l-Papa Silvestru I fil-knisja Omm u Bażilika ta' San Ġwann Lateran f'Ruma, l-Italja.

Il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa kienet saret fuq ix-xewqa u l-ordni tal-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Mauro Caruana. L-Arċisqof, li kien Benedittin, kien laħaq nhar il-festa ta' San Pawl fl-1915 wara l-mewt tal-Arċisqof Monsinjur Pietro Pace. Ftit wara li ħa l-ingress beda l-viżta pastorali fid-Djoċesi ta' Malta. Huwa għamel il-viżta pastorali tiegħu fil-Marsa nhar it-18 ta' Marzu 1917 u kien hawn li ġiet iffissata d-data tal-Ħamis 19 ta' April 1917 biex il-knisja setgħet tiġi kkonsagrata lil Alla Wieħed fi Tliet Persuni mill-istess Arċisqof. Din id-data tad-19 ta' April ħabtet eżattament fl-istess data meta erba' snin qabel il-knisja ġiet inawgurata wara li ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Parroċċa fit-12 ta' April 1913. Il-ġrajja tal-konsagrazzjoni hija importanti fl-istorja tal-parroċċa u tal-Marsa.



Il-fuljett tal-Immakulata tal-1917 jagħti deskrizzjoni tajba ta' x'sar f'dik l-għodwa tad-19 ta' April 1917. Għall-ħabta tas-7.00 ta' filgħodu, l-inħawi tal-knisja tal-Marsa kienu miżgħuda bin-nies ta' kull klassi soċjali tas-soċjetà Maltija, Ordnijiet Reliġjużi, kbarat u ġemgħa kbira ta' Marsin. Il-knisja kienet bil-bibien magħluqa u l-folla stenniet barra. Ġewwa l-knisja, wara l-bieb il-kbir, kien hemm biss djaknu. Iċ-ċerimonja tmexxiet bir-rit antik.

L-Arċisqof Mons. Mauro Caruana bierek l-ilma mbierek bil-melħ u mbagħad dar tliet darbiet madwar il-bini tal-knisja min-naħa ta' barra. F'idu kellu fergħa tal-issopu u beda jroxx l-ilma mbierek mal-ħitan tagħha. Kull darba li jgħaddi minn quddiem il-bieb prinċipali kien iħabbat bil-baklu u jgħid talba waqt li d-djaknu jwieġbu minn ġewwa biex juri li Kristu għandu l-jedd fuq il-knisja bħala dritt tal-ħolqien, tal-fidwa u tal-glorifikazzjoni.




Wara din iċ-ċerimonja, il-bieb il-kbir infetaħ u minnu daħal l-Arċisqof u warajh il-poplu. L-Isqof qagħad għarkupptejh u bdew jingħadu l-Litaniji. Il-kant kien Gregorjan u tmexxa mill-patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta. Imbagħad il-kleriku għamel forma ta' salib 'X' fuq il-paviment tal-knisja bir-ramel u l-irmied, u l-Arċisqof ħażż l-alfabett bil-Grieg u l-Latin. Reġa' bierek l-ilma mħallat bil-melħ, l-irmied u l-inbid u dar mal-knisja minn ġewwa jbixx għal tliet darbiet; l-ewwel biex jitkeċċa x-xitan, it-tieni biex tiġi ppurifikata l-knisja u t-tielet biex tiġi mkeċċija kull saħta u tinxteħet il-barka ta' Alla.



Kif tlesta saret iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-artal maġġur tal-irħam maħdum mill-marmista Giuseppe Buhagiar u mħallas mill-koppja s-Sinjuri Balbi. F'ħofra f'nofs l-artal ġew midfuna r-relikwi tal-qaddisin Martri ta' San Klement, Santa Vittorja u San Awrelju li kienu miġjuba minn Ruma. Imbagħad sar id-dlik tat-tnax-il salib tar-ram li hemm impoġġija mal-kolonni tal-granit fil-korsija tal-knisja u li kellhom brazz bix-xemgħa tixgħel quddiemhom. Il-funzjoni spiċċat għal nofsinhar.


TEMPLVM·TRINITATI·AVGVSTAE·EXSTRVCTVM
MAVRVS·CARVANA
ORDINIS·BENEDICTINI
ARCHIEP·RHODIVS·EPISC·MELITENSIVM
EQ·HIEROSOL·CRVCE·MAGNA·EXORNATVS
RELIQVIIS·SANCTORVM
CLEMENTIS·AVRELII·VICTORIAE
ALTARI·MAXIMO·INLATIS
CONSECRATIONE·SOLLEMNI·DEDICAVIT
XIII·KAL·MAIAS·AN·M·DCCCC·XVII·
CVIVS·INDVLGENTIA
TRIBVTVM·SINGVLIS·CATHOLICIS·EST
VTI·SI·HVC·RITE·ADORATVM·VENERINT
TEMPORE·FESTO·ANNIVERSARIO
ADMISSORVM·POENIS
N·DIES [illegible]NTVM·EXSOLVANTVR



Il-poplu attenda bi ħġaru u l-kongregazzjoni kienet immexxija mill-kappillan tal-Marsa Patri Piju Dimech mix-Xewkija Għawdex, mill-patrijiet Kapuċċini u mill-fundaturi benefatturi l-Kavallier Lorenzo u martu Marija Carmela Balbi. Fl-aħħar sar diskors kommemorattiv mill-Arċisqof Mons. Mauro Caruana li ħatar lill-Kavallier Lorenzo Balbi bħala l-patrun ewlieni tal-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa.

Fil-pilastru ta' bejn l-artal tal-Madonna tal-Karmnu u n-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju Mqaddes twaħħlet irħama b'kitba bil-Latin li tfakkar din il-ġrajja tal-konsagrazzjoni. Il-kitba tgħid, "It-tempju ddedikat lill-Ogħla Trinità: Mauro Caruana tal-Ordni Benedittini Arċisqof ta' Rodi, Isqof ta' Malta, il-fdalijiet tal-qaddisin Klement, Awrelju u Victoria ġew midfuna fl-Artal Maġġur ikkonsagrat u solennement iddedikat id-dstatax ta' April 1917." Kull kattoliku li fil-jum tal-anniversarju jersaq jitlob hawn qed jingħata l-ħelsien ta' mitt jum mill-pieni. Jiġifieri ma' kull anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja, l-Arċisqof Mauro Caruana ta l-indulġenza lil kull minn jitlob fil-knisja u ovvjament ikun fil grazzja ta' Alla.



It-tifkira tal-75 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja kienet saret nhar is-Sibt 25 ta' April 1992 fil-ħamsa ta' filgħaxija b'adorazzjoni u quddiesa solenni. Il-ġurnata ġiet trasferita minħabba li d-19 ta' April kien l-Għid il-Kbir. Fil-faċċata, minn barra, twaħħlet irħama biex tfakkar din il-ġrajja b'kitba bil-Malti li tgħid, "Fl-okkażjoni tal-75 sena tal-konsagrazzjoni tal-knisja u l-artal maġġur, il-poplu Marsi kollu jirringrazzja lit-Trinità Qaddisa. 19 ta' April 1917-1992." Il-festi kienu saru taħt it-tmexxija tal-kappillan Patri Domenic Mangani, Kapuċċin.




Nhar l-Erbgħa 19 ta' April 2017, wara quddiesa kkonċelebrata, ġiet inawgurata u mbierka rħama kommemorattiva mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna. Din tinsab mal-pilastru ta' ħdejn il-vara titulari tat-Trinità Qaddisa u l-kitba tgħid, "Il-Kleru u l-poplu solennement ifakkru l-Ewwel Ċentinarju mill-konsagrazzjoni ta' dan it-tempju ddedikat lit-Trinità Qaddisa mill-E.T. Mons. Arċ. Mauro Caruana, OSB. Illum 19 ta' April 2017. 1917-2017." Tidher ukoll l-arma tal-Arċisqof Mauro Caruana. Għal din l-okkażjoni ħadu sehem il-Provinċjal tal-Kapuċċini Patri Martin Micallef, il Fraternità tal-Marsa u bosta patrijiet Kapuċċini, is-Sindku u l-għaqdiet flimkien mal-poplu tal-Marsa. Wara sar festin għal kulħadd fuq iz-zuntier tal-knisja.

Ref: L-Immakulata 1917, Vol. 6, pp.109-110, Fr N.S. Capp.
Ref: Il-Marsa, Storja ta' Ħamsin Sena, 1963, p.41, Patri Donat Spiteri
Fuljett, Il-Marsa, April 1992, pp.4-5
Ħajr lil Patri Valent Calleja talli qaleb il-kitba tal-Latin għall-Malti.